bħala spirati u kanonki, għad li ma kienux, huma magħrufin bl-isem ta' xi Appostlu, għad li dan ma hux minnu.

Iżda xi ħadd jista' jgħid: Fost il-kotba tat-Testment il-Ġdid hemm il-Vanġelu ta' San Mark u wkoll ta' San Luqa, kif ukoll l-Atti ta' l-Appostli, li huma miktuba minn San Mark u minn San Luqa, li ma kienux Appostli. Kif immela, dawn il-kotba kienu minn dejjem magħrufin bħala spirati u kanonki, u qatt ma kien hemm l-ebda dubju fuq l-ispirazzjoni u l-kanoniċità tagħhom?

Għal din il-mistoqsija nwieġbu li t-tieni u t-tielet Vanġelu kienu minn dejjem magħrufin bħala Vanġeli ta' San Pietru u ta' San Pawl. San Mark kien dixxiplu ta' San Pietru u ma għamilx haġ'oħra għajr li niżżel bil-miktub it-tagħlim ta' San Pietru. San Ġustinu f'nofs it-tieni seklu jsemmi ħwejjeġ li jinsabu fil-Vanġelu ta' San Mark u jgħid li qrahom fil-Vanġelu ta' San Pietru. Hekk ukoll San Luqa magħruf bħala dixxiplu ta' San Pawl u l-kitba tiegħu magħrufa bħala t-tagħlim ta' San Pawl.

Minn dan naraw li l-kotba tat-Testment il-Ġdid huma l-kotba tal-Appostli, li barra mill-priedki tagħhom li jinsabu fit-tradizzjoni Divina, ħallewlna wkoll bil-kitba dak it-tagħlim li deherilhom li kellhom iħallu wkoll bil-kitba, u dawn huma l-kotba tat-Testment il-Ġdid.

P. Serafin M. Zarb, O.P.

---

# IX-XIRKA TA' QUMRAN

Wara li tkellimna ftit (fil-ħarġa ta' qabel din) fuq il-fdalijiet li nsabu fil-egħrien ta' qrib il-Baħar Mejjet, issa naraw x'nistgħu nitgħallmu mill-kitba li nsabet f'Qumrân. Billi ħafna minn din il-kitba titħaddet fuq il-ħajja u t-twemmin tar-Rħieb ta' dik ix-Xirka, kienu jew ma kienux Essenîn, minnha wieħed jista' jagħraf dawn ir-Rħieb tad-deżert x'għamla ta' nies kienu.

Kif rajna d-darba l-oħra, huwa magħruf li dix-Xirka nġabret f'dak id-deżert għall-ħabta ta' żmien Ganni Hirkânu, fi tmiem it-tieni mitt sena qabel Kristu. Dak iż-żmien kien jinsab xi raġel qaddis, li kien meqjus ħafna fost il-Lhud, imma li għal tjubitu kien maħqur mill-kbarat tagħhom. In-nies kienu tawħ l-isem ta' "Mgħallem is-Sewwa". Dana fl-aħħar telaq minn Ġerusalem u tbiegħed mill-Qassisin, li daqs kemm kienu ħżienu,kienu saħansitra jixxierku mal-Pagani. Mar inġabar fil-barr, in-naħa tal-Baħar Mejjet u kotra ta' nies telqu huma wkoll minn Ġerusalem u marru miegħu. U hekk bdiet ix-Xirka tal-Qumran jew Essenin.

### IHEJJU TRIQ IL-MULEJ

Mill-kitba ta' dawn in-nies jidher li l-fehma tagħhom kienet li jitħejjew għal miġja tal-Messija, biex meta hu jiġi, huma jkunu mill-ewwel li jmorru miegħu u jgħinuh ibiddel id-dinja, minn dinja tal-ħażen għal dinja tat-tieba, jitbdew minn Ġerusalem. Għelhekk ingħaqdu f'għaqda waħda, bgħid mill-għawa tad-dinja u t-tinġis, jgħakksu ġisimhom bis-sawm u jfaħħru 'l Alla bit-talb, u jaħsbu dejjem fuq il-liġi tiegħu, biex jgħarfu rajħ u jħarsuh sewwa u hekk iħejju ruħhom għan-nisel il-ġdid ta' wlied Adam, jiġifieri għas-Saltna t'Alla.

Lil kull bniedem ġdid li kien imur biex jidħol magħhom kienu jagħtuh fost oħrajn, dawn it-tusijiet: "...li jfit-

tex dejjem 'l Alla... li jagħmel dak li hu sewwa quddiemu, kif Hu amar lil Mosè u lil qaddejja Tiegħu l-Profeti ... li jħobb lil dawk li Alla għażel, u jobgħod dawk li huwa stkerraħ ... li jitħarreġ fil-ħaqq, ma' tul ħajtu fuq l-art... li jfittex li jingabru f'xirka waħda dawk kollha li huma miġbuda lejn il-Liġi, biex ilkoll flimkien iħobbu lil Ulied id-Dawl u jobgħodu lil Ulied id-Dlam, kif jixraq u kif jitlob il-ħaqq t'Alla. Biex dawna jagħtu dehenhom u saħħithom u mielhom lix-Xirka t'Alla, biex jissaffew minn ħtijiethom u jaħdmu kif jixraq lill-ħaqq Tiegħu. Biex ma jagħmlux anqas biss pass wieħed barra mittoroq tal-Mulej, la n-naħa tal-lemin anqas in-naħa tax-xellug. Biex jagħmlu kollox f'ħinu u f'waqtu, u la jitwaħħru u la jitbakkru biex ma jitbeghdux missewwa.'' Dana kollu jinsab miktub fir-Regla ta' dawk ir-Rħieb, u minn hekk jidher li l-għan tagħhom kien li jwaqqfu bħal saltna żgħira li fuqha kellha tissawwar is-Saltna l-Kbira li kellu jwaqqaf fid-dinja meta jiġi l-Messija.

### TAQSIM U ĦAJJA TAX-XIRKA

L-Imxerkin kienu maqsuma f'Qassisin u m'humiex, u fuq kull għaxra kien hemm bħala rajjes wieħed Qassis. Fuq kull ħadd kien hemm Qassis magħżul mill-Ġemgħa, li kienu jgħidulu l-''Im-



Monsinjur Skehan, Professur tal-Università Kattolka ta' Washington, jidher fil-Mużew tal-Qdumija Ġordanija, iqabbel ma' xulxin il-frak tal-kotba li nstabu f'Qumran.

bakker". L-imxerkin f'iżmna mgħaj-nin kienu jagħmlu laqgħa, li fiha kull wieħed kellu l-maqgħad tiegħu għal daqs kemm ikun mgħoddi 'l quddiem fit-tieba. Kien hemm ukoll il-Ġemgħa tat-Tnax, li kienet tgħaddi kull ma kellu x'jaqsam mal-ħwejjeġ tar-ruħ u tat-tagħlim. Kull Xrik kellu l-jedd li jagħti l-fehma tiegħu fuq it-tmexxija tax-Xirka.

Kienu jagħtu rajjhom, iwa jew le, għad-dħul ta' kull xrik ġdid. Jagħtu l-kastig lil kull Xrik li jonqos minn dmiru, u jagħmlu ħaqq minnu bħal kieku f'qorti. Kull ħadd kien marbut li jħares ir-Regola, u kastig kbir kien jingħata lil min jiksirha. Kull Xrik ġdid kellu jitlaq ruħu għal kollox f'idejn il-mexxej tiegħu, u jgħix ħajja għal kollox bħal ta' l-oħrajn u jitħarreġ fil-għadiet it-tajba. Il-koll kellhom jemmnu twemmin wieħed, u jsellu u jieklu flimkien. L-ikliet tagħhom kienu magħduda bħala ħaġa qaddisa, u ebda Xrik ma kien jista' jieħu sehem fiha jekk ma jkunx għadda magħhom mill-anqas tliet snin. Il-mejda kien ikollha b'rajjes tagħha Qassis, li jbierek il-ħobż u l-inbid, u ħadd mill-Ixirka ma kien jista' jmissu qabel ma l-Qassis i-newwilhulu.

Kellhom isellu fi tlugħ ix-xemx u nżulha u jishru, is-sena kollha, mit-tlieta waħda tal-lejl. Is-sahra kienu jgħadduha fil-qari tal-Liġi u fit-tifħir 'l Alla flimkien. Xrik minn kull għaxra kienu jħalluh ħieles biex jgħaddi ħinu jaqra u jmaħħah fuq il-Liġi, u dak li jifhem minnha jgħallmu lill-oħrajn.

### TIFSIR FUQ IR-REGOLA

Il-kastig għal min jikser ir-Regola kien ikun: jekk jigdeb ikun maqtugħ mix-Xirka għal sena. Jekk jitħaddet fuq wieħed minn sħabu: sitt xhur. Għal kliem fieragħ: tliet xhur. Jekk jaqta' kliem ħaddieħor: għaxart ijiem. Jekk jongħos waqt il-Laqgħa; jekk jidħak wisq, jew jobżoq quddiem sħabu: xahar. Jekk juri l-għera ta' ġismu: sitt xhur. Jekk igemgem fuq ix-Xirka: ikun imkeċċi għal dejjem.

Ir-Regola tagħhom kienet tiġbor kollox f'dawn il-kelmiet: l-Ixirka għandhom jisimgħu l-kelma ta' min ikun fuqhom; li jieklu flimkien, ifaħħru 'l Alla flimkien, u jieħdu raj x'għandhom jagħmlu, flimkien.

Kull bniedem li minn qalbu kien irid jitlaq id-dinja biex jagħmel is-sewwa kien jista' jitlob li jkun imdaħħal fix-Xirka. Min jidħol kien ikollu jkun imġarrab mill-inqas għal tliet snin. Wara tliet snin, jekk ikun ġieb ruħu sewwa, kienu jistaqsuh bir-reqqa fuq il-għan li għalih daħal fix-Xirka. Jekk igħaddi mill-mistoqsijiet, jagħmlu festa u wara li jistqarr li hu midneb, igħammduh u huwa jagħmel il-wegħdiet li titlob ix-Xirka.

Il-għan tax-Xirka kien li tħares lil min jidħol fiha mill-ħażen tad-dinja, li hi mmexxija minn Belial (ix-xitan). Għal hekk min jidħol fix-Xirka kellu: "...ma jissieħeb qatt mal-bniedem tad-dinja f'xogħlu u f'mielu li jewwilla b' hekk ma jkunx imġiegħel jaqa' f'xi dnub... li jżomm ruħu bgħid min-nies tad-dinja, għax dawk kollha li ma humiex fix-Xirka jeħtieġ li jkunu mwarrbin, huma u l-ġid kollu tagħhom... li ma jagħtix ruħu għal ebda ħaġa fiergħa, għax ferghin huma dawk kollha li ma humiex fix-Xirka".

### IT-TWEMMIN TAL-IMXERKIN

L-Ismeħbin fix-Xirka kienu jemmnu li hemm Alla Wieħed fuq kollox u fuq kull ħadd. Li fid-dinja hawn żewġt Erwieħ, Ruħ id-Dawl u Ruħ id-Dlam, li dejjem jitqabdu waħda mal-oħra. Il-ġlieda tagħhom issir fil-qalb ta' kull

bniedem, u l-imġieba ta' kull bniedem hija l-ħsul jew 'riżultat' ta' din it-taqbida. In-nies m'hux kollha mnisslin min-nisel wieħed. Min hu mnissel missewwa, iħobb is-sewwa, imma l-kotra tan-nies huma mnisslin mill-ħażen, għal hekk joboghdu s-sewwa. Għelmijiet tas-sewwa huma: sliem fil-qalb. La ferħ żejjed u la niket żejjed. Ħniena għal min hu maħqur u tjieba ma' kull ħadd. Twemmin f'Alla u fada fil-ħniena Tiegħu. Għelimiet il-ħażen huma: mibgħeda fil-qalb. Għadab, regħba u xeħħa. Nuqqas ta' ħaqq u ġħulija.

Kienu jemmnu li fid-dinja m'hux Messija wieħed kellu jiġi, imma tnejn: il-Messija ta' David u l-Messija ta' Aronn. L-ewwel wieħed ikun gwerrier u t-tieni Qassis. Il-Messija l-Qassis għandu jbierek lil Messija gwerrier u jgħidlu: "Alla jtellgħek fil-għoli, kif mtella' fil-għoli borġ mibni fuk sur. Inti taħbat lid-dinja bis-saħħa ta' kliemek u twitti l-art bis-saħħa tal-ħatar tiegħek. Bin-nifs tiegħek teqred lill-ħżiena. Il-qawwa tiegħek tkun ruħ il-għerf u l-biża' t'Alla".

Meta ż-żewġ Messija jwaqqfu s-Saltna t'Alla fid-dinja, għandha ssir għaxa (ikla) kbira. Fuq l-mejda waqt il-għaxa l-Messija Qassis joqgħod aktar fil-għoli mill-Messija gwerrier.

Il-fehma fuq iż-żewġ Messija aktarx li daħlet fix-Xirka ta' Qumran hekk: qabel ma ntemmet is-saltna tal-Lhud, it-tama tal-poplu kienet tkun dejjem fis-slaten. Meta ntemmet is-saltna, tamet il-poplu marret fuq il-Qassisin, billi daħlu flok is-slaten Ulied Sadoq. Imma kotra kbira mill-poplu baqgħet ittama li għad ikollha sultan. Minn dawn iż-żewġ fehmiet aktarx li daħlet fir-Rħieb ta' Qumran it-tama li għad jiġu żewġ Messija, wieħed Qassis u ieħor gwerrier.

D. K. SANT.

---

# SAN ĠORĠ MARTRI TA' LIDDA

*(23 ta' April)*

Billi Lidda, il-belt li fiha twieled u ħa l-Martirju San Ġorġ, u fejn jinsab il-qabar tiegħu, qegħda fil-Palestina, jixraq li f'dan il-Qari ngħidu xi ħaġa fuqu. Ma għandniex xi ngħidu, bħal ma dari, kollox fil-qosor.

Martin Luther u Kalvinu u xi nies li mxew warajhom, ma' tul is-snin 1483-1558, xerrdu x-xniegħa li San Ġorġ qatt ma kien fid-dinja. Imma minn dak iż-żmien 'il hawn, nies għorrief fettxew u flew ħalli jkunu jafu jekk San Ġorġ kienx fid-dinja tas-sew inkella le. It-tmiem ta' dat-tiftix kien li San Ġorġ kien tas-sew fid-dinja, imma billi għex u ħa l-Martirju f'art u fi żmien li fihom kien hemm ħafna ġħulija, jew **injuranza,** ġraw żewġ ħwejjeġ li wara ġiegħlu lil xi nies li ma jibqgħux jemmnu bih. Dawn iż-żewġ ħwejjeġ huma, l-ewwel: li għabbew l-istorja tiegħu b'ħafna ħrejjef u ġrajjiet tal-għaġeb li qatt ma ġraw; it-tieni: li wara xi snin li ħa l-Martirju dan il-qaddis, wieħed Nisrani ħażin, jismu Ġorġ ukoll, kien maqtul ġewwa Lixandra u mal-insara ħżiena bħalu għadda bħala Martri. U hekk Ġorġ is-suldat, Kattoliku, li miet għal Kristu, qaddis ta' bil-ħaqq, kien imħawwad ma' Ġorġ il-ħażin, li kien maqtul għar-regħba li kellu tal-flus.

Ta' min iżomm quddiem għajnejh li Ġorġ ta' Lixandra, eretku Arjan, għadu ta' Sant'Atanasju, kien maqtul fis-